ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY
Aħbarijiet

*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/NA/12/45

# Ir-reġistranti u n-notifikatanti għandhom jaġġornaw id-dossiers tagħhom skont id-dispożizzjonijiet tat-tieni ATP mar-Regolament CLP

## L-ECHA tfakkar lill-kumpaniji li d-dispożizzjonijiet dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tat-tieni ATP (Adattament għall-Progress Tekniku u Xjentifiku) li jemendaw ir-Regolament CLP għandhom jiġu applikati għas-sustanzi sal-1 ta' Diċembru 2012.

**Ħelsinki, it-28 ta' Diċembru 2012 –** It-tieni ATP jikkontieni *inter alia* emendi li jirrigwardaw sottokategoriji ġodda għall-klassijiet ta' periklu ta' sensitizzazzjoni respiratorja u dermatoloġika, reviżjoni tal-kriterji ta' klassifikazzjoni għal tossiċità kronika akkwatika u klassi ta' perikolu ġdida għall-klassifikazzjoni: "perikoluż għas-saff tal-ożonu". Il-kumpaniji qed jintalbu jikklassifikaw, jittikkettaw u jippakkjaw is-sustanzi tagħhom skont id-dispożizzjonijiet ġodda kif ukoll jaġġornaw id-dossiers ta' reġistrazzjoni REACH u n-notifikazzjonijiet lill-Inventarju C&L sal-1 ta' Diċembru 2012.

Hemm maħsuba dispożizzjoni tranżitorja għal dawk is-sustanzi li ser jipoġġew fis-suq qabel l-1 ta' Diċembru 2012 u li u jkunu kkklassifikati, ittikkettati u ppakkjati skont ir-Regolament CLP. Skont it-tieni ATP, ma jenħtieġx li dawn is-sustanzi jerġgħu jiġu ttikkettati u ppakkjati sal-1 ta' Diċembru 2014.

It-tieni ATP japplika għal taħlitiet mill-1 ta' Ġunju 2015 biss. Madankollu, skont it-tieni ATP, fir-rigward ta' taħlitiet li ser jitpoġġew fis-suq qabel l-1 ta' Ġunju 2015 u li jkunu kklassifikati, ittikkettati u ppakkjati skont ir-Regolament CLP jew id-Direttiva dwar Preparati Perikolużi, ma jenħtieġx li jerġgħu jiġu ttikkettati u ppakkjati sal-1 ta' Ġunju 2017.

Id-dispożizzjonijiet kollha li jinsabu fit-tieni ATP jistgħu jiġu applikati b'mod volontarju mill-kumpaniji qabel l-iskadenzi stabbiliti.

## Aktar informazzjoni

- **Regolament CLP -** Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet
http://echa.europa.eu/regulations/clp/legislation

- **It-Tieni ATP** - Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 286/2011 tal-10 ta' Marzu 2011 li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet
http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2011:083:0001:0053:en:PDF

- **Direttiva dwar il-Preparati Perikolużi** - Direttiva 1999/45/KE
http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:1999:200:0001:0001:EN:PDF